MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 243/1999/1

**Avviz Nru 243/99 - DM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Bonnici**

**vs**

**Godwin Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

1 Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-13 ta’ Gunju 1997 fil-limiti tal- Msida waqt li l-konvenut kien qed

isuq il-vettura Nru BAT 903, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru U-0498 proprjeta ta' assikurat tal-attur, Michael Bonnici u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.
2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' erba mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm421.23) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;
3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 1998, u ta' ittra Ufficjali ppresentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u tal-konsult (Lm15.00) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Attard fejn eccepixxa illi:-

1 Ghall-incident mertu tal-Avviz kien jahti l-assikurat tas-socjeta attrici ta assikurazzjoni;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;
Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi apparti l-isketch u r-'road accident report' ipprezentati mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u d-dokumenti li jirrigwardaw id-danni li garbet il-vettura assikurata mall-atturi, l-provi dwar ir-responsabbilta' jikkonsistu biss fid-deposizzjoni ta' Michael Bonnici, is-sewwieq tal-vettura assikurata mall-kumpanija attrici.

Din il-verzjoni ikkonfermata mill-'accident report' esibit mill-ufficjal tal-pulizija, tallega illi l-kollizjoni grat ghaliex il-

vettura misjuqa mill-konvenut, f’daqqa wahda telqet mill-karreggjata tan-naha tal-lemin ta’ Regional Road, u qasmet il-karreggjata tan-naha tax-xellug biex taqbad triq laterali fuq ix-xellug estrem.

B’din il-manuvra il-konvenut ostakola l-karreggjata tas-sewwieq Bonnici li ma setghax jevita l-iskontru.  L-isketch infatti jikkonferma  li effettivament il-vettura tal-konvenut spiccat fit-triq laterali fuq ix-xellug estrem bil-vettura ta’ Bonnici spostata lejn ix-xellug fid-direzzjoni tal-Imsida, meta riedet tipprocedi ghad-dritt lejn il-mini fl-istess Regional Road.

Dawn il-provi evidentement iwasslu ghar-responsabbilta’ esklussiva tal-konvenut li ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni minnhu ikkawzati.

Dawn id-danni, skond kif gustifikati mill-ircevuti u s-‘survey report’ esibiti, jammontaw ghas-somma mitluba ta’ Lm421.23 (erba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi) u ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi din is-somma  hekk likwidata,  bl-imghaxijiet legali b’effett mis-27 ta’ Novembru tas-sena 1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------